**TRIBUNAL TAL-APPELL**
**GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D**
**Prof. Lino Briguglio, Dr Paul Cachia**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju, 2017**

Numru 1

**Vertenza Nru. 763/2007**

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA) - Employers' Association Number: 289**

**vs**

**Deutsche Lufthansa AG (Malta) Reg. No. OC 115**
**Deutsche Lufthansa AG (Germany) Reg. No. Köln HRB 2168, u**
**International Air Transport Association ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal**

Ra l-provvediment tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi li permezz tieghu dik il-Qorti baghtet l-atti kollha tar-Rikors Guramentat Numru 763/07 fl-ismijiet premessi lil dan it-Tribunal sabiex jittratta u jiddeciedi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u li permezz tieghu l-istess Qorti halliet il-kawza sine die riappuntabbli skont kif jipprovdi l-artikolu 964(1) tal-Kap. 12 mid-data tad-decizjoni finali ta' dan it-Tribunal, bl-ispejjez jibqghu rizervati.

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Frar 2016 li permezz tieghu appunta din il-vertenza ghas-seduta tat-12 ta' April 2016 sabiex tigi stradata.

Ra d-digriet tieghu moghti fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu dina l-vertenza giet ikkancellata, u d-digriet sussegwenti tal-15 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu l-vertenza regghet giet appuntata ghat-18 ta' Jannar 2017.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2017, id-difensur tal-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta)  u Deutsche Lufthansa AG (Germany) irrilevat "li hemm kwistjoni ta' natura preliminari li giet sollevata quddiem il-Prim'Awla u li ma gietx deciza peress illi dik il-Qorti ddecidiet li ma kellhiex kompetenza f'dik il-materja izda li kienet materja li taqa' taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal" u li allura dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kwistjoni preliminari, u ghalhekk jaghti decizjoni dwar liema ligi tapplika ghal din il-vertenza.

Ra illi fl-istess seduta tat-30 ta' Marzu 2017 id-difensuri tal-partijiet l-ohra qablu li ghandha tigi deciza din il-kwistjoni, b'dan illi l-partijiet kollha kellhom jiddikjaraw b'nota jekk ghandhomx xi jzidu ma' dak li hemm fl-atti, u li fin-nuqqas il-kwistjoni fuq dan il-punt preliminari tibqa' ghad-decizjoni ghas-27 ta' Gunju 2017.

Ra illi permezz ta' nota pprezentata fis-6 ta' April 2017 l-intimata International Air Transport Association iddikjarat illi m'ghandhiex aktar sottomissjonijiet xi zzid mas-sottomissjonijiet illi kienu gja saru dwar il-ligi applikabbli fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-31 ta' Awissu 2015 ipprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Ra illi permezz ta' nota pprezentata fis-7 ta' April 2017 ir-rikorrenti Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA) iddikjarat illi m'ghandhiex aktar sottomissjonijiet xi zzid mas-sottomissjonijiet illi kienu gja saru dwar il-ligi applikabbli fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha pprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ra illi permezz ta' nota pprezentata fis-17 ta' April 2017 anki l-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) iddikjaraw illi m'ghandhomx aktar sottomissjonijiet xi jzidu mas-sottomissjonijiet illi kienu ressqu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ra illi ghalhekk ma hemm ebda ostakolu sabiex dan it-Tribunal jghaddi ghal decizjoni fuq il-kwistjoni preliminari dwar liema ligi tapplika ghal din il-vertenza.

Ra l-atti kollha u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Preliminari**

Qabel ma jaghti d-decizjoni dwar dan il-punt preliminari, it-Tribunal ser jissenjala l-iter tal-kawza sal-lum.

i) Ir-rikors guramentat
Permezz tar-rikors guramentat ipprezentat fis-16 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti FATTA, wara illi ppremettiet:
Illi l-Assocjazzjoni rikorrenti li tirrapprezenta l-interessi kummercjali tal-Agenti tal-Ivvjaggar, operaturi f'Malta, membri tal-FATTA, taghmel referenza ghall-prattika adoperata mis-socjetajiet intimati, li huma l-linja tal-ajru nazzjonali Germaniza fil-konfront tal-Agenti tal-Ivjaggar li huma akkreditati mal-IATA (International Air Transport Association) u liema prattika hija maghrufa bhala n-'net fare scheme';

Illi jezisti arrangament formali bil-miktub u cioe' dak formalment maghruf bhala l-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA), li permezz tieghu tkun regolata rrelazzjoni kummercjali bejn l-agenti tal-ivjaggar akkreditati mal-IATA u s-socjetajiet intimati;

Illi s-socjetajiet intimati ghazlu li jiksru Rezoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA), specifikatament Artiklu Numru 9 li jikkontempla '...' cioe li l-agent tal-ivvjaggar ghandu jkun imhallas rimunerazzjoni ghas-servizz rez minnu ghall-linja tal-ajru, f'dan il-kaz lis-socjetajiet intimati;

Illi s-socjetajiet intimati qed jiksru tali obbligu kummercjali permezz ta' bejgh dirett ta' biljetti tal-ajru minn fuq linternet mill-website tal-istess socjetajiet intimati billi qed joffru biljetti tal-ajru ghal rotot operati mis-socjetajiet intimati bl-istess prezzijiet li l-agent tal-ivvjaggar ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu mill-istess socjetajiet intimati, liema prezzijiet ma jinkludux il-proffit tal-agent tal-ivjaggar li huwa appuntu r-rimunerazzjoni dovuta fuq il-bejgh ta' kull biljett kif huwa stipulat fl-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA);

Illi appuntu l-prattika adoperata mis-socjetajiet intimati tan'net fare scheme' tramite l-website taghhom hija kkonsidrata bhala diskriminatorja fil-konfront tal-agent talivjaggjar li ma jistax ibiegh biljetti tal-ajru bi prezzijiet offruti mis-socjetajiet intimati jekk ma jirrinunzjax ghar-rimunerazzjoni tieghu li wara kollox hija bi dritt dovuta lilu ai terminu tal-Artiklu Numru 9 tar-Rezoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) fuq imsemmija, oltre l-fatt li tali agir irresponsabbli huwa kkunsidrat ukoll mill-Assocjazzjoni rikorrenti bi ksur talprovvedimenti relattivi tal-Kodici Kummercjali u l-principji fundamental ital-kompetizzjoni gusta;

Illi in oltre s-socjetajiet intimati huma wkoll ikkunsidrati li qed jiksru wkoll s-sub-artiklu 9.3.2, Rezoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikatament Sezzjoni 9 intitolata 'Conditions for Payment of Commission and other Remuneration', liema sub-artiklu jikkontempla li r-rimunerazzjoni ghandha tinghata lill-agent tal-ivjaggar mhux biss fuq it-'tariffa applikabbli' izda wkoll fuq qualsiasi 'charge' li jifforma parti mill-prezz tal-biljett tal-ajru, eskluzi t-taxxi relattivi pagabbli minn kull min ikun jixtieq isiefer minn Malta;

Illi konsegwenza ta' hekk, l-agenti tal-ivjaggjar membri talFATTA qed ibatu finanzjarjament minhabba nuqqas ta' bejgh ta' biljetti tal-ajru fuq rotot offruti mis-socjetajiet intimati konsegwenzjali tan-'net fare scheme' de quo adoperata;

Illi l-international Air Transport Association li suppost hija l-entita' li ghandha tissalvagwardja l-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) f'kull aspett tal-imsemmi ftehim baqghet passiva fil-konfront tal-ksur lampanti da parti mis-socjetajiet konvenuti;

Illi nonostante li l-Assocjazzjoni rikorrenti kienet intavolat protest gudizzjarju kontra s-socjetajiet konvenuti li mhux biss baqghu nadempjenti izda njoraw ghal kollox dak li dwaru kien imsemmi fil-protest gudizzjarju;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti joghgobha:
1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qed jagixxu rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikament artikolu 9.

2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agiur irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) hekk specifikat.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti.

4. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lillmembri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din ilQorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluz tal-protest gudizzjarju li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

ii) Ir-risposta guramentata tal-intimati Deutsche Lufthansa AG (Germany) u Deutsche Lufthansa AG (Malta)
Fir-risposta guramentata taghha pprezentata fit-30 ta' April 2008, l-intimata Deutsche Lufthansa AG (Germany) eccepiet hekk:-
1. Illi preliminarjament m`hemm ebda relazzjoni guridika bejn, l-assocjazzjoni rikorrenti u socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) abbazi tal-`Passenger Sales Agency Agreement` (PSAA), u dan peress illi lassocjazzjoni rikorrenti mhix parti ta` dan il-ftehim. Illi ghalhekk l-assocjazzjoni rikorrenti

m`ghandiex interess guridiku li tippromwovi din il-kawza abbazi ta` dan l-arrangament;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari, wahda mill-allegazzjonijiet ta` l-assocjazzjoni rikorrenti hi li s-socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser il-principju fondamentali talkompetizzjoni gusta. Illi bir-rispett kollu jigi rilevat, illi din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex kompetenza illi tissindaka tali allegat agir u dan ai termini ta` l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-assocjazzjoni rikorrenti ma tistax tippromuovi tali kawza u titlob li jigu likwidati lilha peress illi tali assocjazzjoni mhix qed issofri ebda dannu peress illi l-unici partijiet illi jistghu jallegaw illi qed isofru dannu minhabba xi allegat ksur ta` l-imsemmi `Passenger Sales Agency Agreement`, huma biss il-partijiet soggetti ghal tali ftehim, u li lassocjazzjoni rikorrenti definittivament mhix wahda minnhom;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-azzjoni odjerna u t-talbiet kollha kemm dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi s-socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-agenti ta` l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA u f`kull kaz is-socjeta` konvenuta adempjiet ruhha mal-“Passenger Sales Agency Agreement” u mar-Resolution 818 u ma` l-obbligi minnha assunti kif ser jigi stabbilit b`mod ampju, jekk ikun hemm bzonn, matul is-smigh tal-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett mis-socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) tal-biljetti ta` l-ajru minn fuq linternet website ta` Deutsche Lufthansa AG huwa konformi mal-`Passenger Sales Agency Agreement` stante illi dan l-arrangament jirregola biss ir-relazzjoni kummercjali bejn l-agenti ta` l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA, u l-linji ta` l-ajru, u dunque dan l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-mod kif issocjeta` konvenuta tbiegh direttament il-biljetti ta` l-ajru;

6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett missocjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) tal-biljetti ta` l-ajru minn fuq l-internet website ta` Deutsche Lufthansa AG huwa konformi ma` Rezoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSSA) stante illi l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-prezzijiet tal-biljetti ta` l-ajru mibjughin direttament mis-socjeta` konvenuta. Illi dawn huma kunsiderazzjonijiet purament kummercjali;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi s-socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser il-Kodici Kummercjali u l-principji fondamentali tal-kompetizzjoni gusta, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta` konvenuta, u dan apparti illi tali allegazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata minn din l-Onorabbli Qorti u dan stante il-mod generiku li biha qed issir tali allegazzjoni fejn mhux qed jigi ndikat b`mod preciz liema provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc u tal-Att tal-Kompetizzjoni qeghdin allegatament jigu miksura mis-socjeta` konvenuta;

8. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi lagir tas-socjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) hija diskriminatorja, hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta` konvenuta;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi l-agir tassocjeta` konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser sub-artiklu 9.3.2 ta` Rezoluzzjoni 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta` konvenuta ;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-assocjazzjoni rikorrenti.

Fir-risposta guramentata taghhaipprezentata fit-30 ta' April 2008, Deutsche Lufthansa AG (Malta) ressqet l-istess eccezzjonijiet bhal dawk surriferiti ta' Deutsche Lufthansa AG (Germany).

iii) Is-sentenza tas-6 ta` Ottubru 2008 dwar il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili skont it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Deutsche Lufhansa AG (Germany) u Deutsche Lufthansa AG (Malta).

Fis-6 ta` Ottubru 2008, il-Prim'Awla ta Qorti Civili tat sentenza fejn, wara li laqghet l-eccezzjoni, ordnat is-sospensjoni tal-proceduri odjerni, irreferiet il-kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust sabiex din tinvestigaha u tiddeciediha skont il-ligi, u halliet il-kawza sine die riappuntabbli wara li tinghata decizjoni mill-Kummissjoni, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

F'dina l-eccezzjoni l-intimati qed jissottomettu li in linea preliminari, wahda mill-allegazzjonijiet ta' l-assocjazzjoni rikorrenti hi li s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser il-principju fondamentali talkompetizzjoni gusta ghalhekk dina l-Qorti m'ghandhiex kompetenza illi tissindika tali allegat agir u dan ai termini ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitlu 379 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 27 tal-Kap. 379 jiddisponi li: "Meta quddiem xi qorti ta' gurisdizzjoni civili jigi allegat li xi akkordju jew decizjoni jkunu nulli u mhux esegwibbli skond l-artikolu 5 jew, meta jigi allegat li jkun hemm abbuz minn posizzjoni dominanti, skond l-artikolu 9, dik il-qorti ghandha, kemm-il darba l-allegazzjoni ma tigix ammessa mill-partijiet kollha fil-kaz, tordna s-soprasessjoni talprocedimenti u tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni li jkollha d-dritt li tiddetermina l-kwistjoni u l-qorti ghandha tiddeciedi l-kwistjoni skond id-decizjoni tal-Kummissjoni".

L-artikolu 5 jitkellem dwar prohibited agreements and practices mentri l-artikolu 9 jitkellem dwar abuse of dominant position.

Mill-harsa ta' dan l-att partikolari ghandu jigi rilevat illi dan l-att jaghti lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust lattribuzzjoni li jissindika akkordi jew decizjonijiet li huma projbiti mill-istess ligi kif ukoll abbuz ta' posizzjoni dominanti.

Ir-rikorrent jissottometti li f'din il-kawza mhux qed jigi invokat la l-artiklu 5 u lanqas l-artiklu 9 imma semplicement dina hija kawza dwar inadempjenza kontrattwali u

likwidazzjoni ta' danni konsegwenzjali. Skond ir-rikorrent ma hemm l-ebda allegazzjoni li sar xi ftehim kif kontemplat fil Kap. 379 u ghalhekk dina l-Qorti hija kompetenti.

Illi mill-att promotorju jirrizulta li r-rikorrenti stess qed jallegaw illi ittiehdet decizjoni mill-intimati u l-prattika adoperata mis-socjetajiet intimati tan-'net fare scheme' tramite l-website taghhom hija diskriminatorja fil-konfront tal-agent tal-ivjaggjar li ma jistax ibiegh biljetti tal-ajru bi prezzijiet offruti mis-socjetajiet intimati jekk ma jirrinunzjax ghar-rimunerazzjoni tieghu ... oltre l-fatt li tali agir irresponsabbli huwa kkunsidrat ukoll … bi ksur tal-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kummercjali u l-principji fundamental ital-kompetizzjoni gusta.

Dan ifisser li l-istess rikorrenti qed jallegaw prattici antikompetittivi da parti tal-intimati skond kif hemm prevvist fl-artikolu 5 tal-Kap. 379.

iv) Ir-riappuntament tal-kawza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
Il-kawza baqghet sine die sakemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-applikazzjoni tal-artikolu 964(2) tal-Kap. 12 irriappuntat il-kawza ghall-10 ta` Gunju 2013 sabiex tinghata informazzjoni mill-partijiet.

Fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili attirat l-attenzjoni tal-Assocjazzjoni rikorrenti illi ma jirrizultax li l-intimata International Air Transport Association kienet notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh.

v) Ir-risposta guramentata tal-konvenuta International Air Transport Association
Wara li giet notifikata bir-rikors guramentat, l-intimata International Air Transport Association ipprezentat risposta guramentata fis-26 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:
1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici ghandha titqies dezerta fit-termini tal-Art 963 tal-Kap. 12 stante li (i) l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa entro t-terminu perentorju ta` sitt (6) xhur stabbilit mil-ligi; u (ii) fi kwalunkwe kaz l-attrici naqset milli tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti firrigward tan-notifiki kif jirrizulta mill-verbal tas-seduti tad-9 ta` Novembru 2007, 26 ta` Novembru 2007, 21 ta` Jannar 2008, 4 ta` April 2008 u tal-10 ta` Gunju 2013;

2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici tirreka pregudizzju lill-esponenti stante li din giet notifikata biss f`Novembru 2013 ghad li l-kawza ilha prezentata sa mis-16 ta` Lulju 2007 u fiha saru diversi atti u sahansitra inghatat sentenza parzjali, liema atti m`ghandhomx jaghmlu stat fil-konfront tal-esponenti stante li din qatt ma giet notifikata bl-atti promotorji u lanqas inghatat il-fakulta` li tidher u taghmel is-sottomissjonijiet taghha u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-esponenti hija intempestiva stante li l-esponenti qatt ma giet notifikata b`xi protest kif jissemma fir-rikors guramentata u bl-ebda att iehor;

4. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta` esponenti mhijiex legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata millosservanza tal-

gudizzju stante li l-esponenti ma tista tintervjeni bejn il-linji talajru u l-agenti tal-ivvjaggar;

5. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi lesponenti ma tidholx f`arrangamenti kummercjali bejn agenti tal-ivvjaggar u vetturali bl-ajru u kwindi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront talesponenti ma jistghux jirnexxu;

6. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ttalbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi lesponenti ma kkagunat l-ebda danni lill-esponenti u m`ghandha twiegeb ghallebda danni;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

vi) Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta` April 2015 dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimata International Air Transport Association
Fis-16 ta` April 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat sentenza fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-ewwel eccezzjoni tad-dezerzjoni mressqa mill-intimata International Air Transport Association u ordnat il-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

vii) Il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015 u s-sentenza tat-30 ta` Novembru 2015 dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimata International Air Transport Association
Fil-kors tal-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, id-difensur tal-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) ghamlet dan il-verbal: Dr Vella ghamlet cara l-posizzjoni tal-konvenuti Lufthansa dwar il-kompetenza ta` min ghandu jiddeciedi din il-kawza u dwar l-applikazzjoni tal-"ligi tal-precedent" li huwa veljanti fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni bhala lex specialis. Fl-istess udjenza il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat lill-partijiet l-opportunita` li jaghrblu l-posizzjoni legali, in vista ta` dan il-verbal, u akkordat lill-partijiet sal-31 ta' Awissu 2015 sabiex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

Fit-30 ta` Lulju 2015, ir-rikorrenti pprezentat nota ta` sottomissjonijiet fejn in succint sostniet illi forum kompetenti sabiex ikompli jisma' l-kawza odjerna huwa proprju dan it-Tribunal gja Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta, in vista tal-Art 70(1)(b) u tal-Art 70(3)(a) tal-Kap. 150 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fil-31 ta` Awissu 2015, l-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) ipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet (b`dokumenti annessi) fejn in succint sostnew li ghandha tkun il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li taghti decizjoni fil-mertu u li tapplika "the law of precedent" li hija vigenti bhala l-lex specialis fil-kamp tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Illi da parti taghha, fil-31 ta` Awwissu 2015, l-intimata International Air Transport Association ipprezentat nota ta` osservazzjonijiet fejn hi ukoll insistiet li hemm precedent li kellu jigi applikat.

Fit-30 ta` Novembru 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat sentenza ohra fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimata International Air Transport Association, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

viii) Il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Dicembru 2015 u l-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2016
Fl-udjenza tal-10 ta` Dicembru 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, id-difensur tal-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) talbet lill-istess Qorti sabiex taghti provvediment dwar l-applikabbilita` tal-artikolu 70 tal-Kap. 510 u l-artikolu 27 tal-Kap. 379 ghall-kaz tal-lum.

Permezz tal-provvediment fuq imsemmi tas-16 ta' Frar 2016 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili baghtet l-atti kollha tar-Rikors Guramentat Numru 763/07 lil dan it-Tribunal sabiex jittratta u jiddeciedi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, s'intendi dejjem fuq il-kwistjoni tal-allegat ksur tal-ligi dwar kompetizzjoni, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> L-iskop ta` dan il-provvediment huwa li tistabilixxi jekk anke wara l-bidla fil-legislazzjoni li sehhet fil-qasam tal-kompetizzjoni fil-mori tal-kawza ghandhiex tkun din il-Qorti jew haddiehor illi jittratta u jiddeciedi dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.
>
> Il-Qorti tghid illi s-sentenza tat-3 ta` Ottubru 2008 li tat din il-Qorti anke jekk diversament presjeduta taghmel stat ghall-partijiet kollha tenut kont ta` kif svolga l-iter processwali wara dik is-sentenza.
>
> Ladarba tikkostitwixxi stat, dik is-sentenza torbot anke lil din il-Qorti fil-prosegwiment tal-kawza.
>
> Fl-ghoti tal-provvediment taghha tat-3 ta` Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta applikat id-disposizzjonijiet tal-Kap. 379, issospendiet il-proceduri tal-lum, irreferiet il-kwistjoni ta` bejn il-partijiet lill-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta, u halliet il-kawza sine die riappuntabbli wara li tinghata decizjoni mill-Kummissjoni.
>
> Ghal xi raguni, kemm damet il-kawza sine die, l-atti baqghu ma marrux ghand il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta. Ghal din il-Qorti, b`daqshekk ma jfissirx illi l-Kummissjoni ma baqghetx addita mill-kwistjoni.
>
> Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi hija obbligata toqghod ma` dak li kien deciz minnha, anke jekk diversament presjeduta, bis-sentenza tat-3 ta` Ottubru 2008. Illum ghadha prekluza milli tisma` l-mertu, u taghmel dak li l-konvenuti Lufthansa qeghdin jippretendu li ghandha taghmel fil-fehma taghhom skont il-proviso tal-Art 27(1) tal-Kap. 379, bhal qisu s-sentenza tat-3 ta` Ottubru 2008 saret lettera morta. B`effett tas-sentenza tat-3 ta` Ottubru 2008 il-proceduri dwar il-mertu quddiem il-Qorti kellhom jibqghu sospizi sakemm tikkonkludi l-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta.
>
> Bid-dhul fis-sehh tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta` Malta [ara l-Art 70(1)(b)] procedura pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta

> tkompli tigi trattata mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur. Ghalhekk dak li kellha taghmel il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta, skont is-sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta` Ottubru 2008, illum ghandu jsir mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur.

Illi b'hekk il-kwistjoni dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 ghandha tigi deciza minn dan it-Tribunal izda fuq talba tal-partijiet issa jrid jigi deciza jekk huwiex applikabbli l-artikolu 27(1) tal-Kap. 379 kif inhu llum bil-proviso tieghu li jghid li meta kwistjoni ta' kompetizzjoni mqajma quddiem il-qorti tkun diga giet deciza taht id-disposizzjonijiet tal-Att u dik id-decizjoni tkun saret res judicata, il-qorti ghandha ssegwi dik id-decizjoni. Dan il-proviso ma kienx jezisti qabel it-tibdil maghmul lill-Att dwar il-Kompetizzjoni bl-Att VI tal-2011.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-punt dwar l-ligi applikabbli li jrid jigi deciz minn dan it-Tribunal gej mill-fatt illi mindu gew istitwiti dawn il-proceduri fl-2007 kien hemm tibdil fil-ligi li tirregola l-kompetizzjoni inkluz tibdil fl-organi li ghandhom jinvestigaw u jiddeterminaw dawn il-vertenzi. Jirrizulta mis-suespost illi minkejja illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza tas-6 ta` Ottubru 2008, ordnat is-sospensjoni tal-proceduri u rriferiet il-kwistjoni dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap. 379 sabiex din il-Kummissjoni tinvestiga u tiddeciedi l-vertenza, il-process baqa' ma giex trasmess u b'hekk il-punt dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 baqa' qatt ma gie deciz mill-Kummissjonu. Kif rajna aktar 'il fuq, il-kawza regghet giet appuntata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sa ma finalment regghet giet rinvijata lil dan it-Tribunal permezz tal-provvdiment tas-16 ta' Frar 2016 sabiex jigi deciz il-punt dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379.

Fil-frattemp kien hemm tibdil regolatorju fil-qasam tal-kompetizzjoni, li gab mieghu din il-kwistjoni legali.

Meta gie pprezentat ir-rikors guramentat fis-16 ta' Lulju 2007, u meta saret ir-riferenza tas-6 ta` Ottubru 2008 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, l-artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kien jaqra hekk:

> Meta quddiem xi qorti ta' gurisdizzjoni civili jigi allegat li xi akkordju jew decizjoni jkunu nulli u mhux esegwibbli skond l-artikolu 5 jew, meta jigi allegat li jkun hemm abbuz minn posizzjoni dominanti, skond l-artikolu 9,

dik il-qorti ghandha, kemm-il darba l-allegazzjoni ma tigix ammessa mill-partijiet kollha fil-kaz, tordna s-soprasessjoni tal-procedimenti u tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni li jkollha d-dritt li tiddetermina l-kwistjoni u l-qorti ghandha tiddeciedi l-kwistjoni skond id-decizjoni tal-Kummissjoni.

L-artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, kif inhu vigenti llum, jaqra hekk:

(1) Meta quddiem xi qorti ta' gurisdizzjoni civili jigi allegat li xi ftehim jew decizjoni huma nulli u mhux ezegwibbli skont l-artikolu 5 u, jew l-artikolu 101 tat-TFUE jew, meta jigi allegat li jkun hemm abbuz minn pozizzjoni dominanti, skont l-artikolu 9 u, jew l-artikolu 102 tat-TFUE, dik il-qorti ghandha tissospendi l-proceduri u titlob lid-Direttur Generali sabiex jipprezenta rapport fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajjma quddiemha u l-qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' dak ir-rapport fil-konsiderazzjonijiet taghha, u kull sottomissjoni dwaru maghmula mill-partijiet u mid-Direttur Generali qabel ma jigi deciz il-kaz:

Izda meta l-kwistjoni ta' kompetizzjoni mqajma quddiem il-qorti tkun diga giet deciza taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u dik id-decizjoni tkun saret res judicata, il-qorti ghandha ssegwi dik id-decizjoni.

(2) Meta d-Direttur Generali, fuq inizjattiva tieghu stess, isir jaf b'allegazzjonijiet hekk kif imsemmija fis-subartikolu (1), f'kawza civili, hu ghandu, permezz ta' rikors, jitlob lill-qorti biex tapplika l-procedura tas-subartikolu (1).

(3) Ghall-finijiet ta' thejjija ta' rapporti taht dan l-artikolu, id-Direttur Generali jista' jirrikorri ghas-setghat investigattivi moghtija lilu taht dan l-Att.

L-Att VI tal-2011 nehha ukoll il-Kummissjoni ghal Kummerc Gust, li gie sostitwit b'dan it-Tribunal imwaqqaf bl-artikolu 31 tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 70(1) tal-Kap. 510 jipprovdi ghal tliet istanzi fejn il-provvedimenti tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, u allura anki l-artikolu 27, li kienu jezistu qabel id-dhul fis-sehh tal-Att VI tal-2011 ghandhom ikomplu japplikaw. L-artikolu 70(1) tal-Kap. 510 jipprovdi hekk:

(1) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li kienu jezistu qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandhom ikomplu japplikaw, kif ikun il-kaz, ghal kull:

(a) Investigazzjoni pendenti fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att quddiem id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta u d-Direttur tal-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) b'dan l-Att;

(b) procedura pendenti fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att quddiem il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta u l-Bord tal-Appell ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mit-Tribunal tal-Appell, it-Tribunal ghal Talbiet ta' Konsumaturi u l-qrati; u

(c) decizjoni u sentenza li ma jkunux res judicata fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att.

Fis-sottomissjonijiet taghhom l-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) jghidu illi "il-proceduri odjerni ma jinkwadraw ruhhom taht ebda l-ebda mis-sitwazzjonjiet elenkati fl-artikolu 70(1) tal-Kap. 510. Effettivament, fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att dwar il-Kompetizzjoni l-gdid, ma kien hemm l-ebda procedura fir-rigward ta' dan il-kaz pendenti la quddiem id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta u, lanqas, quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust" (paragrafu 4.3) u li allura, skond l-istess intimati, "ghandu japplika l-artikolu 27(1) tal-Kap. 379, kif inhu vigenti illum" (paragrafu 4.4 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom). Dan iwassal skond huma illi japplika l-proviso ghall-artikolu 27(1) tal-Kap. 379 u li dan it-Tribunal huwa marbut bid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tad-19 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet Rikors tad-Direttur tal-Kompetizzjoni Gusta, wara ilment mill-FATTA vs. Air Malta plc - Ilment Numru 3/2007 (Dok. A a fol. 138 et seq tal-process). L-istess argument taghmlu ukoll l-intimata International Air Transport Associaton li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tal-31 ta' Awissu 2015 tghid li japplika l-proviso tal-artikolu 27(1) kif emendat bl-Att VI tal-2011 li jimponi l-applikazzjoni tad-dottrina tal-precedent minhabba d-decizjoni dwar l-Ilment Numru 3/2007.

Izda dan it-Tribunal josserva li jirrizulta mill-provvediment taghha tas-16 ta' Frar 2016 li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili diga ddecidiet illi l-vertenza odjerna hija koperta mill-artikolu 70(1) tal-Kap. 510, senjatament il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu. Fil-fatt il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet car u tond hekk: "Bid-dhul fis-sehh tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta` Malta [ara l-art. 70(1)(b)] procedura pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta tkompli tigi trattata mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur. Ghalhekk dak li kellha taghmel il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta, skont is-sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta` Ottubru 2008, illum ghandu jsir mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur." Dan allura jfisser li hemm decizjoni bejn il-partijiet li tghid li huwa

applikabbli l-artikolu 70(1)(b) tal-Kap. 510 bil-konsegwenza li japplika l-artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kif kien qabel ma dahal fis-sehh l-Att VI tal-2011, b'dan illi dan it-Tribunal huwa issa vestit bis-setghat li kellha l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust. Fil-fatt l-artikolu 70(3)(a) tal-Kap. 510 jipprovdi hekk:

> Ghall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) it-Tribunal tal-Appell ghandu jkun vestit bis-setghat: (a) tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust kif provdut fl-Att dwar il-Kompetizzjoni qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att.

Dan it-Tribunal izid ma' dan illi ghalkemm huwa veru li jidher li l-process ma kienx attwalment mar f'idejn il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni Gusta, is-sentenza tas-6 ta` Ottubru 2008 li permezz taghha il-Prim'Awla ta Qorti Civili irreferiet il-kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, effettivament tfisser illi gja kien hemm procedura pendenti quddiem l-istess Kummissjoni ai termini tal-artikolu 70(1)(b) tal-Kap. 510.

Apparti minn hekk dan it-Tribunal josserva ulterjorament illi l-proviso tal-artikolu 27(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni vigenti llum japplika ghal proceduri quddiem qorti ta' gurisdizzjoni civili, u dan it-Tribunal ma huwiex qorti fis-sens ta' dan l-artikolu.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddeciedi li japplika ghal dina l-vertenza l-Att dwar il-Kompetizzjoni, inkluz l-artikolu 27 tieghu, kif kien qabel l-Att VI tal-2011, u ghalhekk il-proviso tal-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta vigenti llum ma huwiex applikabbli ghal din il-vertenza. L-ispejjez ta' dina d-decizjoni kontra l-intimati Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany).

| | | |
|---|---|---|
| Onor. Mark Chetcuti LL.D. | Prof. Lino Briguglio | Dr Paul Cachia |
| Imhallef | Membru | Membru |

Anne Xuereb

Deputat Registratur